**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 25/13(05_11_13).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-1 ta' Novembru 2013.

1. Il-Munxar Day 2013.
2. Milied 2013.
3. Memo 25/2013 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014.
4. Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
6. Rapport tas-Sindku.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.
9. Materji oħra.

Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

## 1.00 Il-Munxar Day 2013.

1.01 Kif kien deċiż is-sena l-oħra, Ġieħ Il-Munxar 2013 ser jingħata lill-mibki Mario Gauci ex-Kunsillier li miet b'diżgrazzja tan-nar.
F'din is-serata se jieħdu sehem il-Korijiet 'Ilħna Smewwija' u 'San Pawl'. Is-siltiet mużikali ser isiru mill-Brass Ensemble - 'Brass Tubes'.
Din is-sena qed jiġi mfakkar l-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsill u l-Kunsill ser ifakkar dan l-avveniment f'din is-serata ta' Jum Il-Munxar fejn ser tingħata tifkira lill-Kunsilliera/ex-Kunsilliera u Sindki. Ser tinħareġ stedina lil kull ex-Kunsillier u Kunsilliera li qed iservu preżentament. Ser tingħata wkoll tifkira lil Salvinu Mercieca f'għeluq il-mitt sena mit-twelid tiegħu.

1.02 Ġie deċiż ukoll li din is-sena l-Kunsill jorganizza wirja ta' ritratti dwar ħidmet il-Kunsill tul l-20 sena li ilu mwaqqaf. Din il-wirja ser issir mill-Għaqda taż-Żgħażagħ u se tinfetaħ fit-12 ta' Diċembru 2013 u tibqa' miftuħa sal-15 ta' Diċembru 2013. Il-Kunsill ser iħallas lill-Għaqda l-ammont ta' €200.

1.03 Fil-ġurnata tat-12 ta' Diċembru 2013, il-programm ser ikun hekk:

- Quddiesa ta' Radd il-Ħajr nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2013, fis-6.00 ta' filgħaxija, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
- Fis-7.00 ta' filgħaxija jsir il-ftuħ uffiċjali tal-Wirja dwar ħidmet il-Kunsill tul l-20 sena li ilu mwaqqaf.
- Wara ser tinżamm Serata ta' Jum Il-Munxar fiċ-Ċentru Parrokkjali. F'din is-serata ser jiġi ppreżentat 'Ġieħ Il-Munxar'.
- Wara jsir riċeviment.

**2.00 Milied 2013.**

2.01 It-tiżjin tal-Milied ser isir bħas-sena l-oħra kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi. Ser isir il-presepju fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, tiżżejjen Triq il-Madonna tal-Karmnu, il-Pjazzetta u l-Pjazza tal-Munxar. Ser jinxtraw aktar armaturi tal-Milied u siġra tal-Milied għall-Pjazza tal-Knisja.

2.02 L-Erbgħa, 25 ta' Diċembru 2013, ser issir ħarġa bit-*train* għat-tfal tal-Munxar u Ix-Xlendi. Ser ikun hemm *Father Christmas*. Tluq minn quddiem il-Kunsill fid-9.30 ta' filgħodu. Tfal taħt is-seba' snin iridu jkunu akkompanjati.

2.03 Il-Ħadd, 22 ta' Diċembru 2013, ser issir ħarġa għall-familja fejn ser inżuru l-Villaġġ Animat 'Betlehem f'Għajnsielem' fil-post magħruf bħala 'Ta' Passi' biswit il-pjazza ewlenija t'Għajnsielem. Trasport jitlaq mill-Pjazza tal-Knisja fis-2 ta' waranofsinhar.

2.04 It-Tnejn, 30 ta' Diċembru 2013 ser issir Varjetà tal-Milied għat-tfal. Ser tittella' Varjetà għat-Tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali fid-9.00 ta' filgħodu. Ser jintwera film edukattiv u ser isiru taħditiet dwar l-ambjent. F'din il-Varjetà ser ikun hemm ikel u xorb u logħob għat-tfal. Ser jingħata rigal lil kull min jattendi.

**3.00 Memo 25/2013 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014.**

3.01 Il-Kunsill kien se japplika dwar attivitajiet li ser isiru bejn id-19 ta' Mejju sat-24 ta' Mejju 2014. Ser tiddaħħal ukoll l-attività dwar it-tliet *records* fil-logħob tan-nar tal-art.

**4.00 Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.**

4.01 Il-Kuntrattur ser jibda x-xogħol fuq il-passaġġ tax-Xlendi.

4.02 It-tiżjin tal-Milied fix-Xlendi ser isir bħas-sena l-oħra, billi jitwaħħlu l-*fairy lights* mal-Palm ta' Triq ir-Rabat.

4.03 Il-Kumitat kien se japplika għall-Memo 25/2013 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014. Bħas-sena l-oħra ser isir Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi fejn ser isiru attivitajiet mifruxa matul is-sajf kollu.

**5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

5.01 Il-Kunsill kien waqqa' l-pont li kien sar illegali fil-Wied tax-Xlendi peress li l-permess sabiex jitnaddaf il-wied ma setax jiġi approvat jekk il-pont ma jitwaqqax. Issa l-*Case Officer* se jivverifika li dan twaqqa'.

**6.00 Rapport tas-Sindku.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Green MT kienet ippremjat lill-Kunsill Lokali Il-Munxar peress li nġabar l-aktar skart separat *per kapita*.

6.02 Saret l-ewwel laqgħa tar-Reġjun Għawdex u s-Sindku reġa' ġie elett Viċi-President.

6.03 L-applikazzjoni tal-Miżura 313 sabiex jinkesa wiċċ Triq Żgħawri u bini tal-ħitan tas-sejjieħ tlestiet fil-ħin u ġiet sottomessa. Is-Sindku qed jaħdem fuq l-applikazzjoni tal-Miżura 125 biex titranġa Triq ix-Xatba iżda hemm rekwiżit li l-bdiewa li għandhom l-għelieqi matul din it-triq iridu jiffirmaw dikjarazzjoni.

6.04 Is-Sindku kien qed jaħdem fuq l-iskema 'Sports for All' peress li din is-sena din l-iskema trid tingħalaq. Qed jissuġġerixxi li jsiru 10 sezzjonijiet għall-anzjani, 10 għat-tfal u 10 għall-Adulti - *Zumba*.

6.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kumpanija li timporta prodotti tal-bini ppruvat *stuff* fuq il-bankina ta' quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet fi Triq Santa Dminka. Dan sar sabiex xħin tixxarrab il-bankina ma tibqax tiżloq.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li t-*Trenching Section* ħarġet permess sabiex issir trinka fi Triq Ras il-Bajjada għal Triq ix-Xatba. Dan il-permess skada fil-31 ta' Ottubru 2013 u x-xogħol dam diversi ġranet wieqaf u ngħalqet it-triq mingħajr il-permess tal-Kunsill. Għaldaqstant ġie deċiż li ma jingħatax *extension* u jintalab ineħħi t-tabelli sabiex Triq Ras il-Bajjada tinfetaħ għat-traffiku.

7.02 Peress li l-Kunsill qed ta' spiss jikri dwal u sistema ta' *sound*, ġie deċiż li jinxtara apparat sabiex ikun proprjetà tal-Kunsill u jiġu ffrankati ħafna flus. Se tiġi mistħarrġa l-possibbiltà li dan l-apparat jinxtara minn Malta jew direttament minn barra.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva applikazzjoni waħda għall-ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Din l-applikazzjoni kienet mingħand Paul Parnis. Il-Kunsill qabel unanimament li Paul Parnis jiġi maħtur Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

**8.00 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

8.01 Is-Sur Ryan Debrincat talab sabiex jinżabar il-Palm ta' Triq ir-Rabat peress li bħalissa qed iwaqqa' ħafna żerriegħa u qed titħammeġ il-bankina. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex terġa' titwaħħal it-tabella tal-*one way* fi Triq il-Wied.

8.02 Is-Sinjura Carmen Said fakkret dwar il-*bus shelter* li se ssir quddiem id-daħla prinċipali ta' Ġnien il-Professur Ġużé Aquilina. Peress li dan huwa diġà approvat minn Transport Malta, il-Kunsill għandu jibgħat *reminder* dwar din il-materja.
Fi Triq ix-Xlendi, eżattament fejn hemm il-ġewża, hemm il-qasab li ħareġ barra t-triq u għalhekk hemm bżonn li jinqata'.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru 2013, fis-1.00 ta' waranofsinhar.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***